ma felaħx jasal ħdejha, ma kellux iżjed saħħa f'riġlejh u qata' li jinxtehet għarkobbtejh ilissen talba oħra għal ruħha. Il-qtar oħxon tax-xita nieżel dejjem, nieżel dejjem fuq il-qabar ta' Betti, fuq iż-żgħieġ tat-twieqi, fuq il-qalb żgħira ta' Maninu.

* * *

Hadd ma sata' jobsor, meta ġiet ir-rebbiegħa, x'kien li biddel dak il-midfen, u aktar dak il-qabar, fi ġnien mill-isbaħ, imżewwaq bi slaleb ta' fjuri ta' kull għamla u ta' kull lewn u bi qlub tal-pepprin ħomor. Il-qronfol u l-vjoli u l-ġeranji kienu jarmu l-fwieħa tal-ġenna. Dik il-bidla kollha fiċ-ċimiterju kienet ġejja minn Maninu, mid-deffien soċjalista li ried jaħseb, bis-saħħa tal-maħbuba tiegħu, fil-mejtin kollha. Għalhekk l-oqbra kollha ħaseb fihom u żejjinhom ilkoll, tal-għani u tal-fqir, tal-għaref u ta' l-iblah.

Ukoll f'Maninu kienet saret bidla kbira. Hu ma baqax jilbes imqatta' u mraqqa' iżda beda jġib dejjem il-libsa l-ġdida. F'daqqa waħda bħal sar raġel ieħor; tbiddel bħal-lejl min-nhar. Ma baqax iżjed dak li t-tfal jagħmlu għalih u jiġru warajh biex jinbxuh imma raġel li jġiblek ħniena u ħasra. Ma jidħak qatt u jidher ftit man-nies. Maninu beda sejjer lura, beda jinżel qabel iż-żmien. Kien qiegħed jonqos u jogħlob, kien iħossu marid.

Meta tfajla mir-raħal, biex tara xi jgħid, talbitu jiżżewwiġha, Maninu ma weġibx. La ħa għalih u lanqas tbissem. Ma tniffes xejn. Kien qisu ma semax.

Maninu, tabilħaqq, għall-ilħna tal-bnedmin kien ittarrax għal kollox. Il-leħen waħdani li kien jidwi l-ħin kollu f'widnejh kien dak li ġej minn dak il-qabar hemmhekk, f'waħda mill-irkejjen taċ-ċimiterju, il-Leħen li kien qiegħed isejjaħlu ħdejh.

* * *

Meta ntlaqtet il-kamra mortwarja, Maninu ma kienx fiha. In-nies tar-raħal tiegħu, li kif semgħu l-għajta mkarkra tas-sireni ġrew bi ħġarhom ħalli jaraw x'sar minnu, ma sabuhx hemm. Bħal ħadu r-ruħ għax ħasbu li ħelisha b'wiċċ il-ġid. Iżda ma damux ma lemħuh mixħut minn tulu, bil-kuruna tar-rużarju bejn subgħajh, iżjed 'il bogħod minn fejn kien l-irħam imġarraf, fuq is-salib tal-fjuri ta' fuq qabar Betti fejn, sa fl-aħħar, kien sab il-mistrieħ ta' dejjem.

Xi ħadd, b'nofs ħajra, kellmu u messu. Huwa la wieġeb u lanqas iċċaqlaq.

* * *

Maninu kien ixxierek max-Xirka ta' Holmtu u ssieħeb għal dejjem mas-Sieħba ta' Qalbu.



# QUOTIDIE MORIOR!

*Ta'* Dun Frans Camilleri

*Even if it means self-sacrifice on our part, we should be less Christ-like were we to refuse to listen to their cries for food.*—Cardinal Griffin.

Kull filgħaxija
waqt li għajnejja
ikunu qegħdin jagħlqu f'nagħsa ħelwa,
jinġabru f'moħħi
dehriet tan-niket
li rajt u ġbart mal-jum u jieqfu ħdejja.
U nħoss id-diqa
tinżel ġo qalbi
bl-imrar u swied il-qalb meta niftakar
kemm nies ibatu
swat u moħqrija;
imbagħ'd ma' ħsiebi jien insieħeb talbi.
Għax bosta, msejkna,
waqgħu bla ħtija
fid-demm tal-gwerra li ħalliet lid-dinja
fil-ġlied, fil-għira
u fil-mibegħda
li donnha trid mill-ġdid tixrob id-dmija.
U kemm familji
għalxejn jinġabru
biex jieklu ma' missier b'idejh battala!
U kemm nies foqra
ħabbtu bieb l-għonja
għalxejn, u kellhom fil-Mulej jistabru!
U waqt dan-niket
nidħol bi ħsiebi
fl-isptarijiet fejn hemm il-mewt tistenna
eluf ta' morda
u fosthom nilmaħ,
fl-uġigħ u d-dwejjaq, ħafna wċuh ta' ħbiebi.
Dan kollu jidħol
f'din il-qalb ċkejkna
li tħoss it-toqol ta' l-imrar u n-niket
xħin niftakarhom
lil dawk li jbatu:
u nħossni mmut kuljum ma' dawn l-imsejkna......

21/IV/1946.